KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-23 ta' April 2015 [1]

Kawża C-21/14 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Rusal Armenal

"Appell — Dumping — Importazzjoni ta' ċerti folji tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u miċ-Ċina — Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 — Kompatibbiltà mal-Ftehim Antidumping — Artikolu 277 TFUE"

I – **Introduzzjoni**

1. Permezz ta' dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tikkontesta s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Novembru 2013 [2], li permezz tagħha, din annullat regolament li jimponi dazju antidumping (iktar 'il quddiem ir-"regolament inkwistjoni") [3], sa fejn jikkonċerna lill-kumpannija Armena Rusal Armenal ZAO.

2. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni essenzjalment tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tipprovdi li dispożizzjoni tar-regolament bażiku [4], li fuqha huwa bbażat ir-regolament inkwistjoni, ma għadhiex kompatibbli mar-regoli tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"GATT") [5] wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Armenja għad-WTO fl-2003, u din is-sitwazzjoni timplika, fil-fehma tagħha, in-nullità tar-regolament inkwistjoni.

3. Il-kawża preżenti tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kwistjoni dwar jekk, u fl-affermattiv, taħt liema kundizzjonijiet, għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tar-regoli tal-GATT fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [6].

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Sentenza Rusal Armenal vs Il-Kunsill (T-512/09, EU:T:2013:571, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3 — Dan huwa speċifikament ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009, tal-24 ta' Settembru 2009, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 262, p. 1).

4 — Dan huwa speċifikament ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45) fil-verżjoni emendata (sadanittant issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, b'rettifika fil-ĠU 2010, L 7, p. 22) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45).

5 — Ftehim GATT (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 90).

6 — Ara l-punt 59 tas-sentenza appellata.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Il-qafas regolatorju tal-GATT*

4. Il-qafas regolatorju tal-GATT jinkludi informazzjoni fid-dettall dwar il-kunċett tad-dumping u d-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti.

5. Ikun hemm dumping meta l-prodotti ta' pajjiż jiġu kkummerċjalizzati f'pajjiż ieħor għal valur inqas mill-"valur normali" tal-prodotti.

6. Waqt id-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti, issir distinzjoni skont jekk huwiex possibbli li fil-pajjiż ta' esportazzjoni jsir ipprezzar liberu fit-territorju nazzjonali. Fil-prinċipju, il-valur tal-prodott huwa l-prezz nazzjonali tal-prodott. Madankollu, fil-każ li fil-pajjiż ta' esportazzjoni, il-prezzijiet nazzjonali kollha jkunu stabbiliti mill-Istat jew fil-każ li fil-pajjiż ikun hemm monopolju, jista' jkun neċessarju li l-valur normali tal-prodott esportat jiġi kkalkolat abbażi ta' fatturi oħra.

7. L-Artikolu VI(1) tal-GATT 1994 jipprovdi:

"Il-partijiet kontraenti jirrikonoxxu li d-dumping, li jippermetti l-introduzzjoni ta' prodotti ta' pajjiż fis-suq ta' pajjiż ieħor bi prezz orħos mill-valur normali tagħhom, huwa kundannabbli [...]. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, prodott esportat min pajjiż lejn pajjiż ieħor għandu jitqies li jkun introdott fis-suq ta' pajjiż importatur bi prezz orħos mill-valur normali tiegħu, jekk il-prezz ta' dan il-prodott huwa

(a) orħos mill-prezz paragunabbli, fl-iżvolġiment ordinarju tal-kummerċ, għal prodott simili intiż għall-konsum fil-pajjiż li qiegħed jesporta, jew […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. Skont it-tieni dispożizzjoni addizzjonali tal-Artikolu VI(1) tal-GATT 1994, li tinsab fl-Anness I tiegħu:

"Huwa rrikonoxxut li, fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiż li l-kummerċ tiegħu huwa s-suġġett ta' monopolju totali jew kważi totali u fejn il-prezzijiet interni kollha huma stabbiliti mill-Istat, id-determinazzjoni tal-paragunabbiltà tal-prezzijiet [...] tista' tippreżenta diffikultajiet speċjali u li, f'każijiet bħal dawn, il-partijiet kontraenti importaturi jistgħu jqisu neċessarju li jieħdu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li paragun strett mal-prezzijiet nazzjonali f'dan il-pajjiż mhux dejjem huwa xieraq." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar l-implementazzjoni tal-artikolu VI tal-ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ tal-1994 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Antidumping")[7] f'dan ir-rigward jipprovdi wkoll:

"Miżura kontra d-damping [antidumping] ser tiġi applikata biss taħt iċ-ċirkostanzi pprovduti fl-Artikolu VI tal-GATT 1994 u skond l-investigazzjoni mibdija u kondotta skont id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Id-disposizzjonijiet li ġejjin jirregolaw l-applikazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 sakemm jittieħdu passi taħt il-leġislazzjoni jew r-regolamenti kontra d-damping [antidumping]."

10. L-Artikolu 2 tal-imsemmi ftehim jinkludi regoli f'iktar dettall dwar id-determinazzjoni tad-dumping u tal-valur normali, mingħajr ma jagħmel distinzjoni espliċita bejn pajjiżi li għandhom ekonomija tas-suq u dawk li ma għandhomx ekonomija tas-suq, iżda fl-Artikolu 2.7 jenfasizza:

"Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għat-tieni Disposizzjoni Supplimentari għal paragrafu 1 ta' l-Artikolu VI fl-Anness I tal-GATT 1994."

7 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189.

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

11. Il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea adotta diversi atti għall-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea.

1. Ir-regolament bażiku

12. Fil-premessi 3 u 4 tiegħu, ir-regolament bażiku jiddeskrivi l-għanijiet tiegħu billi jindika, fid-dawl ta' ftehimiet ġodda dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT, li "huwa [...] xieraq li jiġu emendati r-regoli tal-Komunità", u li huwa "essenzjali […] li l-Komunità tagħti kas ta' kif inhuma interpretati mis-soċji kummerċjali ewlenin tal-Komunità".

13. Fil-ħames premessa tiegħu, ir-regolament bażiku jistabbilixxi dan li ġej:

"[i]l-patt ta' ftehim ġdid dwar ix-xiri taħt il-prezz [il-Ftehim Antidumping] […] fih regoli ġodda u fid-dettall, li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-kalkolazzjoni tax-xiri taħt il-prezz [tad-dumping] […] fid-dawl ta' l-estent tat-tibdiliet u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u trasparenti tar-regoli ġodda, il-lingwa tal-ftehim ġdid għandha tinġieb fil-leġislazzjoni tal-Komunità sa fejn ikun possibbli".

14. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti, is-seba' premessa tar-regolament bażiku tipprovdi kif ġej:

"[F]il-kalkolazzjoni tal-valur normali għall-pajjiżi ta' ekonomija mhux tas-suq, ikun jidher prudenti li jiġu stabbiliti regoli għall-għażla tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa li għandu jiġi wżat għal dan il-għan […]"

15. L-Artikolu 1(2) tar-regolament bażiku jispeċifika:

"Prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala mixtri taħt il-prezz [li huwa suġġett ta' dumping] jekk il-prezz ta' l-esportazzjoni tiegħu għall-Komunità ikun inqas minn prezz paragonabbli għal prodott simili, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, kif stabbilit għall-pajjiż esportatur."

16. L-Artikolu 2(7) tar-regolament bażiku, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali fi proċedura antidumping, jipprovdi dan li ġej:

"a) Fil-każ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx l-ekonomija tas-suq [8] [...], il-valur normali għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn dan il-pajjiż terz għall-pajjiżi l-oħra, inkluża l-Komunità, jew fejn dawn ma jkunux possibbli, fuq kull bażi oħra raġjonevoli […]

[…]

b) Fl-investigazzjonijiet ta' kontra d-dumping dwar importazzjonijiet [minn] pajjiż li ma jħaddanx l-ekonomija tas-suq li hu membru tal-WTO fid-data tal-bidu tal-investigazzjoni, il-valur normali jkun stabbilit skond kif hemm fil-paragrafi 1 sa 6 [9], jekk ikun jidher, fuq il-bażi ta' talbiet li jkunu sostanzjati b'mod xieraq minn wieħed jew aktar produtturi li jkunu qed jiġu investigati u skond il-kriterji u proċeduri stabbiliti fis-sotto-paragrafu (ċ), li l-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija

8 — Dawn jinkludu l-Albanija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, il-Korea ta' Fuq, il-Kirgiżistan, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Mongolja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan.

9 — L-imsemmija paragrafi jirreferu għall-kundizzjonijiet fis-suq nazzjonali tal-pajjiż esportatur għad-determinazzjoni tal-valur normali, mingħajr ma jsemmu pajjiż terz paragunabbli.

tas-suq jipprevalu għal dan il-produttur jew produtturi għar-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili konċernat. Meta dan ma jkunx il-każ, ir-regoli li jinsabu fis-sotto-paragrafu (a) għandhom japplikaw.

ċ) Pretensjoni skond is-subparagrafu (b) [irid ikun] fiha biżżejjed evidenza illi l-produttur jopera skond il-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq [...]"

2. Ir-regolament inkwistjoni

17. Permezz tar-regolament inkwistjoni, ibbażat fuq ir-regolament bażiku, fl-2009 ġie introdott dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti folji tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

18. Skont il-premessa 20 ta' dan ir-regolament, "[...] l-Armenja hija msemmija speċifikament fin-nota tal-qiegħ tal-Artikolu 2(7)(a) tar-regolament bażiku fost il-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. It-trattament tal-esportaturi produtturi fil-pajjiżi membri tad-WTO li ma għandhomx ekonomija tas-suq huwa stipulat fl-Artikolu 2(7)(b). […]"

19. Skont l-Artikolu 1 tar-regolament inkwistjoni, fost il-produtturi kkonċernati, kien hemm il-kumpannija Armena Rusal Armenal. It-talba ta' din il-kumpannija għall-għoti tal-istatus ta' impriża li topera f'ekonomija tas-suq kienet ġiet miċħuda, u ntgħażlet it-Turkija bħala "pajjiż xieraq [u] pajjiż analogu"[10] b'ekonomija tas-suq u l-prezzijiet tagħha ntużaw bħala bażi għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodotti tagħha u għad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping tal-esportazzjonijiet tagħha.

20. Għaldaqstant, l-Artikolu 1(2) tar-regolament inkwistjoni impona dazju antidumping definittiv ta' 13.4 % fuq l-importazzjoni ta' prodotti mill-Armenja.

III – **Il-proċedura fl-ewwel istanza u s-sentenza appellata**

21. Fl-ewwel istanza, il-kumpannija Rusal Armenal invokat, permezz tal-ewwel motiv tagħha, ksur tal-Ftehim Antidumping.

22. Hija allegat li l-leġiżlatur tal-Unjoni mar lil hinn mill-qafas legali stabbilit mill-Ftehim Antidumping peress li, sabiex jiddetermina l-valur normali, ibbaża ruħu fuq is-sitwazzjoni fi Stati oħra minflok fuq is-sitwazzjoni fl-Armenja. Għaldaqstant, hija allegat li r-regolament bażiku ma kienx japplika fir-rigward tagħha u li, sa fejn kien jikkonċernaha, ir-regolament inkwistjoni kellu jiġi annullat abbażi ta' ksur tal-Ftehim Antidumping.

23. Il-Qorti Ġenerali laqgħet dan ir-rikors u essenzjalment iddikjarat li, permezz tal-Artikolu 2 tar-regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jimplementa obbligi partikolari inklużi fl-Artikolu 2 tal-Ftehim Antidumping li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dumping[11]. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali, madankollu, ir-regolament bażiku u r-regolament inkwistjoni dderogaw mill-Ftehim Antidumping billi, f'dan ir-rigward "jinkludu numru ta' regoli ċari, preċiżi u ddettaljati li jistabbilixxu l-metodi għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott simili […] mingħajr ma jżidu magħhom kundizzjonijiet li [ħallew] l-applikazzjoni tagħhom għad-diskrezzjoni tal-membri tad-WTO"[12].

10 — Skont il-premessa 36 tar-regolament inkwistjoni.

11 — Punt 36 tas-sentenza appellata.

12 — Punt 50 tas-sentenza appellata.

24. Bl-appell tagħha, il-Kummissjoni qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li, permezz tagħha, ir-regolament inkwistjoni ġie annullat sa fejn jirrigwarda lil Rusal Armenal.

IV – **It-talbiet u l-argumenti prinċipali tal-partijiet**

25. Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad l-ewwel motiv tar-rikors fl-ewwel istanza bħala infondat fid-dritt;

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din teżamina l-motivi l-oħra mill-ġdid;

— tirriżerva l-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi.

26. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka tliet aggravji.

27. L-ewwel nett, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita*, peress li Rusal Armenal qajmet il-kwistjoni tal-inapplikabbiltà tar-regolament bażiku fid-dawl tal-Ftehim Antidumping fir-rikors tagħha u mhux fir-replika. Għalhekk, il-kumpannija ma ssoktatx bil-motiv tagħha f'dan ir-rigward.

28. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat ir-regolament bażiku kif ukoll l-intenzjoni tal-leġiżlatur, fis-sens tal-ġurisprudenza Nakajima[13], meta adotta din id-dispożizzjoni. Il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, assumiet li, permezz tar-regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jikkonforma ruħu ma' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tad-WTO. Konsegwentement, dan tal-aħħar ma jistax jittieħed bħala kriterju għall-evalwazzjoni tal-legalità tar-regolament bażiku, speċjalment minħabba li l-Ftehim Antidumping ma jipprekludix, fil-każ ta' pajjiż bħall-Armenja, li l-ekonomija tiegħu tkun qiegħda fi tranżizzjoni minn pajjiż b'ekonomija ppjanata b'mod soċjalista għal pajjiż b'ekonomija tas-suq, li d-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti ssir prinċipalment abbażi tas-sitwazzjoni fis-suq ta' pajjiż b'ekonomija tas-suq, f'dan il-każ it-Turkija.

29. It-tielet nett, hija tqis li, minħabba li annullat ir-regolament inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ġenerali tal-bilanċ istituzzjonali.

30. Rusal Armenal tikkontesta dawn l-aggravji, u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-Kunsill għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għall-ispejjeż tagħha stess.

V – **L-analiżi ġuridika**

A – *Fuq l-ewwel aggravju*

31. Sa fejn l-ewwel aggravju jesprimi l-fehma li, fir-replika tagħha, il-kumpannija Armena rtirat l-ilment ta' illegalità tagħha bbażat fuq l-Artikolu 277 TFUE, l-argument tal-appellanti ma jistax jintlaqa'.

13 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186).

32. Minn naħa, il-partijiet ma jistgħux jintalbu jirrepetu bis-sħiħ is-sottomissjonijiet tagħhom f'kull att proċedurali. Tali approċċ ma jiħux inkunsiderazzjoni l-ekonomija tal-ġudizzju. Min-naħa l-oħra, mis-sottomissjonijiet bil-miktub kollha tal-kumpannija Armena jirriżulta li hija tinvoka l-Artikolu 277 TFUE, u li f'dan il-kuntest, tikkunsidra li l-Artikolu 2(7) tar-regolament bażiku huwa inkompatibbli mad-dritt tad-WTO [14].

33. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

B – *Fuq it-tieni aggravju*

34. Bit-tieni aggravju tagħha, l-appellanti essenzjalment tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li, permezz tal-Artikolu 2(7) tar-regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimplementa l-Ftehim Antidumping. Dan l-ilment jikkonferma u jirreferi għall-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali applikatx b'mod korrett il-ġurisprudenza Nakajima [15].

1. Id-dritt tad-WTO bħala kriterju tal-legalità tal-atti legali tal-Unjoni

35. Fil-prinċipju, skont l-Artikolu 3(5) TUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali. Konsegwentement, meta tadotta att, hija marbuta tosserva d-dritt internazzjonali fl-intier tiegħu [16]. Skont l-Artikolu 216(2) TFUE, meta jiġu konklużi ftehimijiet internazzjonali mill-Unjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma marbuta b'dawn il-ftehimijiet u, konsegwentement, dawn jipprevalu fuq l-atti tagħha [17].

36. Id-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali li fir-rigward tiegħu, l-Unjoni hija parti, jistgħu jiġu invokati insostenn ta' rikors għal annullament ta' att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni jew ta' eċċezzjoni bbażata fuq l-illegalità ta' tali att, iżda biss bil-kundizzjoni li, minn naħa, in-natura u l-istruttura tal-ftehim ikkonċernat ma jipprekludux dan u, min-naħa l-oħra, li dawn id-dispożizzjonijiet, mil-lat tal-kontenut tagħhom, jidhru inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi [18].

37. Fil-każ ta' atti tad-WTO, minħabba n-natura speċifika tagħhom, japplikaw kunsiderazzjonijiet speċifiċi. Kien biss reċentement li l-Qorti tal-Ġustizzja tenniet mill-ġdid li huwa biss fil-każ fejn l-Unjoni, permezz ta' att tagħha, kellha l-intenzjoni teżegwixxi obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-ftehim konklużmad-WTO (ġurisprudenza Nakajima), jew meta l-att tal-Unjoni inkwistjoni jirreferi b'mod speċifiku għal dispożizzjonijiet preċiżi ta' dan il-ftehim (ġurisprudenza Fediol [19]), li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-legalità ta' att tal-Unjoni fid-dawl tar-regoli ta' dan il-ftehim tad-WTO [20].

14 — Ara, pereżempju, il-punt 31 tar-replika fl-ewwel istanza.

15 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186).

16 — Sentenza Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 101).

17 — Sentenzi Intertanko *et* (C-308/06, EU:C:2008:312, punt 42), Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 50) u Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 52).

18 — Sentenzi FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 110 u 120), Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punti 53 sa 55) u Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 54).

19 — Sentenza Fediol vs Il-Kummissjoni (70/87, EU:C:1989:254).

20 — Sentenza tal-Awla Manja tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 56) b'riferiment għas-sentenzi Fediol vs Il-Kummissjoni (EU:C:1989:254, punti 19 sa 23), Nakajima vs Il-Kunsill (EU:C:1991:186, punti 29 sa 32), Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C 280/93, EU:C:1994:367, punt 111) u L-Italja vs Il-Kunsill (C 352/96, EU:C:1998:531, punt 19).

38. Il-legalità tad-dritt sekondarju tal-Unjoni tista' tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-atti tad-WTO meta jkun hemm intenzjoni ċara min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimplementa dawn l-atti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistema tal-antidumping. Din "hija densa ħafna fil-kunċett tagħha u fl-applikazzjoni tagħha"[21] u għaldaqstant, minħabba n-natura tagħha, tista' sservi bħala kriterju għal-legalità tal-atti tal-Unjoni.

39. Rigward il-kwistjoni ta' kif kellha tkun artikolata l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni għall-implementazzjoni, li hija sinjifikattiva għall-ġurisprudenza Nakajima, u abbażi ta' liema kriterji din hija stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tat ebda spjegazzjoni eżawrjenti. Madankollu, fis-sentenzi Nakajima vs Il-Kunsill[22] u Petrotub u Rebublica[23], hija rreferiet għall-premessi ta' att tal-Unjoni u bbażat ruħha fuqhom sabiex tiddetermina jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kellux l-intenzjoni jimplementa "l-obbligi partikolari"[24] ta' dispożizzjoni speċifika tal-Kodiċi Antidumping[25] jew tal-Ftehim Antidumping[26] li l-kontenut tagħha kien marbut mad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq tad-dritt sekondarju. Għall-kuntrarju, jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju kellhom "għan kompletament differenti"[27] mid-dispożizzjonijiet antidumping tal-GATT, dawn tal-aħħar ma kinux kriterju adatt għall-istħarriġ tal-legalità ta' att tal-Unjoni[28].

40. Minn dan jistgħu jinsiltu żewġ konklużjonijiet.

41. Minn naħa, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tistabbilixxix li att tad-dritt sekondarju għandu jiġi evalwat b'mod astratt u inkundizzjonat skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tad-WTO. Il-portata tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja pjuttost tiddependi strettament mill-intenzjoni ta' implementazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni fil-każ tad-dritt sekondarju. Fin-nuqqas ta' tali intenzjoni, jew jekk din l-intenzjoni ma tistax tiġi pprovata b'mod xieraq, id-dritt tad-WTO ma jistax jintuża bħala kriterju għall-istħarriġ tad-dritt sekondarju.

42. Min-naħa l-oħra, sabiex tiġi stabbilita din l-intenzjoni ta' implementazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, ma huwiex suffiċjenti li, mill-premessi ta' att tal-Unjoni, ikun jirriżulta b'mod ġenerali li l-att inkwistjoni għandu jiġi adottat konformement mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni[29]. Għall-kuntarju, *huwa* suffiċjenti, iżda wkoll neċessarju, għall-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Nakajima, li, mill-kuntest tal-att tal-Unjoni inkwistjoni, tkun tista' tiġi ddeterminata mingħajr dubju intenzjoni speċifika ta' implementazzjoni b'rabta ma' obbligu partikolari u sostanzjalment preċiż tad-WTO u li jkun jista' jiġi previst ukoll permezz ta' liema dispożizzjoni ta' liema att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni dan l-obbligu għandu jiġi implementat b'mod konkret.

43. Fuq din il-bażi, għandu jiġi ddeterminat jekk fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, ħaditx debitament inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza Nakajima, it-tieni nett, ikkonstatatx intenzjoni korrispondenti ta' implementazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni fl-adozzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni tar-regolament bażiku u, it-tielet nett, ċaħditx l-applikabbiltà tal-imsemmija dispożizzjoni għad-detriment tal-kumpannija Armena.

21 — Sentenza Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 59).

22 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill (EU:C:1991:186, punt 30).

23 — Sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 55).

24 — Sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 56).

25 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill.

26 — Sentenza Petrotub u Republica.

27 — Sentenza Nakajima vs Il-Kunsill (EU:C:1991:186, punt 40).

28 — Ara, f'dan ir-rigward ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Franz Egenberger (C-313/04, EU:C:2005:733, punt 76) u dawk tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-kawża Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:92, punt 17).

29 — Ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni *et* (C-398/13 P, EU:C:2015:190, punt 91).

2. L-intenzjoni ta' implementazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni waqt l-adozzjoni tar-regolament bażiku

44. Meta adotta r-regolament bażiku, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-ftehim antidumping, kif indika fil-premessi [30]. Għalhekk, fil-ħames premessa, ir-regolament bażiku jistabbilixxi, fir-rigward tal-ftehim antidumping, li "il-lingwa tal-ftehim għandha tingieb fil-leġislazzjoni tal-Komunità *sa fejn ikun possibbli*" [31].

45. Madankollu, dan ma jfissirx li, mill-perspettiva tal-leġiżlatur tal-Unjoni, ir-regolament bażiku ma jista' jidderoga b'ebda mod mill-iskema regolatorja tal-ftehim jew li, b'mod partikolari, il-leġiżlatur kien assenja lilu nnifsu l-kompitu li, meta jiġi ddeterminat il-valur normali ta' prodott, jibbaża ruħu mandatorjament fuq il-qafas normattiv tal-Ftehim Antidumping.

46. Fil-fatt, il-ħames premessa ma tistax tiġi kkunsidrata waħedha jew f'termini assoluti. Peress li l-kliem stess ta' din il-premessa jipprovdi li l-lingwa tal-ftehim għandha tiġi trasposta fir-regolament bażiku "sa fejn ikun possibbli", jirriżulta b'mod kuntrarju li billi adotta dan l-att, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-possibbiltà li traspożizzjoni kompleta tal-ftehim fid-dritt tal-Unjoni tista' tikkunfliġġi ma' kunsiderazzjonijiet opposti tal-Unjoni.

47. Konsegwentement, mill-ħames premessa tar-regolament bażiku ma tistax tiġi dedotta l-intenzjoni assoluta tal-leġiżlatur li l-kontenut tar-regolament bażiku jeħtieġ ikun f'konformità sħiħa mal-ftehim antidumping u li b'hekk kwalunkwe dispożizzjoni tar-regolament bażiku li tidderoga mill-ftehim antidumping ma tibqax tkun imnebbħa mill-intenzjoni ta' implementazzjoni tal-leġiżlatur.

48. Dan il-fehim tas-sinjifikat u tal-portata tal-ħames premessa huwa kompatibbli mal-ġurisprudenza Nakajima. Mis-sentenza Nakajima vs Il-Kunsill ma jistax jiġi konkluż li kwalunkwe deroga sostantiva mill-ftehim antidumping timplika awtomatikament l-irrilevanza tar-regolament bażiku. Dan peress li din is-sentenza kienet tikkonċerna dispożizzjonijiet legali oħra, jiġifieri r-Regolament Nru 2423/88 u l-Kodiċi Antidumping tal-1979. Is-sentenza Petrotub u Republica [32], li kienet tirrigwarda r-regolament bażiku u l-ftehim antidumping, ukoll ma tirriżultax awtomatikament f'tali konklużjoni estiża. Din is-sentenza tenfasizza li r-regolament bażiku "huwa, b'mod partikolari, intiż sabiex jittrasponi *sa fejn possibbli* [33] fid-dritt Komunitarju r-regoli ġodda u ddettaljati li jinsabu fil-ftehim antidumping, li jinkludu, b'mod partikolari, dawk relatati mal-kalkolu tal-marġni ta' dumping", u tikkonkludi fil-punt segwenti li "[h]uwa għaldaqstant paċifiku li l-Komunità adottat ir-regolament bażiku sabiex tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha li jirriżultaw mill-ftehim antidumping" [34]. Madankollu, din is-sentenza tirrigwarda dispożizzjoni speċifika għall-kalkolu tal-marġni ta' dumping skont metodi asimetriċi jew simetriċi [35], li ma hijiex inkwistjoni f'din il-kawża.

49. Barra minn hekk, is-seba' premessa tar-regolament bażiku timmilita kontra l-preżunzjoni tal-intenzjoni ta' implementazzjoni sħiħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

50. F'din il-premessa, għall-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq, il-leġiżlatur tal-Unjoni jistabbilixxi kunsiderazzjonijiet ta' neċessità għad-determinazzjoni tal-valur normali li ma hemmx riferiment għalihom f'din l-għamla fil-ftehim antidumping. Minn dan jirriżulta li, fir-rigward tal-pajjiżi msemmija, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ried jimplementa ebda dispożizzjoni tal-ftehim antidumping u, f'dan ir-rigward, eżerċità l-awtorità regolatorja tiegħu fuq inizjattiva tiegħu stess.

30 — Kif diġà ntqal fis-sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punti 22 u 55) b'rabta mas-suġġett dwar il-metodu asimetriku użat sabiex jiġi ddeterminat il-marġni tad-dumping.

31 — Enfasi miżjuda minni.

32 — Sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4).

33 — Enfasi miżjuda minni.

34 — Sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punti 55 u 56).

35 — Sentenza Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 22).

51. Huwa irrilevanti wkoll, kif sostna l-Kunsill fis-seduta, jekk fir-rigward tal-imsemmija pajjiżi, il-ftehim antidumping fil-verità għandux, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali, lakuna regolatorja li l-leġiżlatur tal-Unjoni, mill-perspettiva tad-dritt tad-WTO, irnexxielu jimla' billi jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu stess [36]. Għall-kuntrarju, l-aspett deċiżiv huwa li l-leġiżlatur tal-Unjoni, kif jista' jiġi dedott ukoll mill-abbozzar tad-dispożizzjoni deskritt mill-appellanti fl-appell tagħha [37], xjentement għażel approċċ regolatorju separat speċifiku ħafna fir-rigward ta' pajjiżi mingħajr ekonomija tas-suq u, f'dan ir-rigward, l-att leġiżlattiv li huwa adotta ma kienx manifestament l-intenzjoni ta' implementazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza Nakajima.

52. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali intenzjoni ta' implementazzjoni, il-legalità tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-regolament bażiku ma tistax tiġi mistħarrġa abbażi tal-ftehim antidumping. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

53. Għalhekk, it-tieni aggravju huwa fondat u dan fih innifsu jagħti lok sabiex is-sentenza appellata tiġi annullata.

54. Fl-aħħar nett, għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi indirizzat ukoll it-tielet aggravju fil-qosor.

C – *Fuq it-tielet aggravju*

55. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali. Għandu jkun biss kompitu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiddeċiedi liema pajjiżi għandhom jitqiesu bħala pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq għall-finijiet tad-dritt ta' antidumping u kif dawn għandhom jiġu ttrattati.

56. Dan l-aggravju huwa marbut mill-qrib mat-tieni aggravju [38], peress li huwa effettivament intiż li jallega li l-Qorti Ġenerali, permezz tas-sentenza tagħha bbażata fuq il-ġurisprudenza Nakajima, b'mod żbaljat ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-intenzjoni ddikjarata tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

57. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-opinjoni espressa hawnhekk, u tilqa' t-tieni aggravju, ma jkunx neċessarju li jiġi eżaminat l-ilment imressaq permezz tat-tielet aggravju.

58. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tal-fehma li l-Qorti Ġenerali applikat il-ġurisprudenza Nakajima mingħajr żball ta' liġi, ikun sussegwentement meħtieġ li tiddeċiedi dwar it-tielet aggravju. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Nakajima, jekk din twassal għad-determinazzjoni ta' illegalità ta' att sekondarju tal-Unjoni, b'mod partikolari, iġġib magħha l-intenzjoni manifesta tal-leġiżlatur tal-UE. Għaldaqstant, ma jistax jiġi argumentat li permezz ta' din il-ġurisprudenza, il-qrati tal-Unjoni assumew setgħat leġiżlattivi li ma kinux awtorizzati jeżerċitaw.

D – *Sommarju*

59. Billi t-tieni aggravju huwa fondat, hemm lok li l-appell jintlaqa' fl-intier tiegħu u li s-sentenza appellata tiġi annullata.

60. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, hija tista' tagħti deċiżjoni definittiva fil-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża (l-ewwel alternattiva tat-tieni sentenza tal-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja).

36 — Għal analiżi differenti, ara l-punt 50 tas-sentenza appellata.

37 — Ara l-punti 49-96 tal-appell. L-argumenti tal-appellanti, b'mod partikolari fis-seduta, jindikaw li l-leġiżlatur tal-Unjoni f'din il-kwistjoni ried isegwi l-kunsiderazzjonijiet politiċi tiegħu stess, indipendentement mid-dispożizzjonijiet tad-WTO.

38 — Digriet Il-Kummissjoni vs Rusal Armenal(C-21/14 P-R, EU:C:2014:1749, punt 35).

61. F'dan il-każ, il-kawża tinsab fi stat li tiġi deċiża. Kif indikat iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta, fil-każ tal-ewwel motiv ta' Rusal Armenal, ikkonstatat ksur tal-ftehim antidumping. Dan il-motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

62. Madankollu, fir-rigward tal-aggravji l-oħra li għadhom ma ġewx evalwati mill-Qorti Ġenerali, il-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża. Konsegwentement, il-kawża f'dan ir-rigward għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali (it-tieni alternattiva tat-tieni sentenza tal-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja).

VI – **Spejjeż**

63. Fil-każ li l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, kif nissuġġerixxi fil-kawża preżenti, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tibqa' rriżervata (konklużjoni *a contrario* tal-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura).

VII – **Konklużjoni**

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-5 ta' Novembru 2013, Rusal Armenal vs Il-Kunsill (T-512/09, EU:T:2013:571), hija annullata.

2) L-ewwel motiv invokat minn Rusal Armenal ZAO fir-rikors tagħha huwa miċħud.

3) Il-kawża għandha tintbagħat mill-ġdid quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-motivi l-oħra.

4) L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma rriżervati.